# L-ALTAR MAĠĠUR TAL-KNISJA ARĊIPRETALI JAGĦLAQ MIJA U ĦAMSA U GĦOXRIN SENA

*minn Joseph Borg*



*L-Isqof ta' Malta Fra Gaetano Pace Forno OESA, li meta nbniet il-knisja tal-Mosta intona t-**Te Deum** nhar il-11 ta' Marzu 1860. Fid-29 ta' Diċembru 1864 bierek il-qanpiena l-kbira u fil-15 ta' Ottubru 1871 ikkonsagra l-istess tempju.*

Din is-sena qegħdin infakkru l-125 sena mill-konsagrazzjoni solenni tar-Rotunda li kienet seħħet nhar il-15 ta' Ottubru, 1871. Dik is-sena ħabat l-Għoxrin Ħadd wara Għid il-Ħamsin. F'dik il-għodwa memorabbli l-Isqof Agostinjan Gaetano Pace Forno, wara li kkonsagra l-knisja u l-altar maġġur tagħha, fejn qiegħed ir-relikwi mqaddsa tal-martri Fabrijan u Sebastjan, Kosma u Damjan, iddedikaha 'l Alla b'qima ta' l-Imqaddsa Bla Tebgħa Marija Mtellgħa fis-Sema.

Jixraq għalhekk li f'din l-okkażjoni u fl-okkażjoni wkoll tal-Festa ta' Santa Marija, meta l-altar maġġur ikun armat b'dawk l-opri kollha li bih żejnuh missirijietna, nitfgħu naqra ħarsitna fuqu u naraw meta u kif sar u żżejjen matul is-snin dan l-altar ewlieni tal-knisja tagħna.

## Ikkonsagrat għal darbtejn

L-altar maġġur li għandna tlesta nhar it-12 ta' Frar, 1871. Inħadem minn żewġ Sqallin minn Catania, Salvatore Marino u Stefano Mazzaglia. Sewa 750 uqija tal-fidda, li kienu jġibu 4,687 skud. L-altar huwa sempliċi u awster fid-disinn iżda maestuż u imponenti, imżejjen kif inhu bi rħamijiet l-aktar fini bħalma huma l-aħmar skur ta' l-iskannell tal-**prima**, il-**verde antico** tal-pilastri, il-**giallo di Siena** tal-gwarniċi, il-griż tal-mejda u tat-taraġ u l-kannella ta' madwar it-tabernaklu. Għandu speċjali t-tabernaklu li jitla' minn fuq l-iskannell tas-sekonda u jogħla 'l fuq mill-iskannell tal-prima.

Wara l-konsagrazzjoni ta' l-1871, madwar il-bidu ta' dan is-seklu, dan l-altar kellu jerġa' jiġi kkonsagrat. Din it-tieni konsagrazzjoni kienet saret mill-Vigarju Ġenerali Mons. Salvatore Gaffiero, skond kitba li hemm fuq il-mejda ta' l-altar innifsu. Dan kollu ġara għax aċċidentalment, waqt li kienu jarmaw il-gandlieri tqal tal-festa, il-mejda ta' l-altar kienet intlaqtet u saritilha xi ħsara u għalhekk, kif titlob il-Knisja, kellu jerġa' jiġi kkonsagrat.

## Gandlieri għal nhar il-Festa

Bħala tiżjin għal dan l-altar għall-festa ta' Santa Marija kienu saru l-gandlieri wisq sbieħ tal-metall. Dawn kienu saru fuq id-disinn grandjuż u fuq il-mudell ta' Mastru Pawlu Bugeja mir-Rabat (Malta). Il-prokuratur tal-knisja Dun Ġlormu Chetcuti beda jiġbor għalihom fil-15 ta' Ottubru, 1894 u sa' l-20 ta' Lulju, 1898 kien irnexxielu jiġbor £101-12s.-9d. Minn ġbir ieħor kien ġabar £21-4s, minn bejgħ ta' xi deheb £6-6s.-8d. u minn għotjiet oħrajn £78-18s.-5d. Il-fabbrikant Clemente Zaffi ta' Turin kien ħa tagħhom £260.



*L-Altar Maġġur tar-Rotunda. Tidher il-kitba li hemm fuq ix-xifer tal-mejda ta' l-altar.*

Tad-disinn u l-mudell intefqu £17-10s., tat-trasport minn Genova £3-10s.-2d. u xi spejjeż oħra kienu ntelgħu £5-10s.-3d.

## L-Appostli u l-Fjuretti

Fl-1899 Dun Ġlormu laħaq l-ewwel kappillan ta' l-Imġarr u wara Monsinjur. Il-prokuratur il-ġdid kien il-wisq ħabrieki Dun Anġ Camilleri minn Ħaż-Żabbar li, hekk kif laħaq, dritt ħaseb għall-bqija tat-tiżjin li kien jonqsu l-altar. Għall-ħabta tal-bidu tas-seklu kienu saru l-Appostli tal-kartapesta għand l-istatwarju Senglean, l-imsemmi Karlu Darmanin. Tagħhom kien ħa £24. Kienu ġew arġentati għand l-imgħallem Pawlu Bugeja tar-Rabat, li ħa tmintax-il lira ta' dan ix-xogħol. Dawn l-appostli jiffiguraw lil San Pietru u 'l San Pawl u 'l Erba' Evanġelisti.

L-erba' fjuretti tal-ganotilja kienu nħadmu minn Carmela Mercieca mill-Mosta bil-prezz ta' £3 il-wieħed u kien ħallas għalihom Dun Anġ Camilleri stess. Il-fjuretti għandhom erba' gastri jew važuni sbieħ ta' l-alabastru fin bin-**Nome di Maria** fuqhom.

## Il-Ventaltar tal-Fidda u l-Kanopew

Il-ventaltar tal-fidda li għandna llum kien ġie akkwistat għall-ewwel darba mis-Sur Patignott fl-1905 bil-prezz ta' £250. Billi oriġinarjament kien maħsub għall-altar maġġur tal-Kolleġġjata ta' Bormla kellu jitkabbar u jsirulu xi tibdiliet. Il-biċċtejn li kienu żdidulu jikkonsistu fis-simboli ta' l-Erba' Evanġelisti ħerġin minn skrataċ li kienu ġew inkorporati fid-disinn oriġinali ta' l-imgħallem Bormliż Abram Gatt mis-Sur Rafel Caruana Dingli. Kienet inbidlet ukoll ix-xbieha ta' Marija Immakulata f'dik ta' Marija Assunta kif tidher fil-medaljun tan-nofs. Din iż-żieda ntelgħet għal £127, barra minn xi spejjeż oħra. B'kollox il-ventaltar kien qam £390. Fil-parti ta' fuq taż-żewġ pilastri tal-ġnub jidhru l-armi tal-Papa San Piju X u dik tal-Mosta.



*(Ritratt: Jos. A. Vella F.R.P.S., E.FIAP., E.S.FIAP.)*
*L-Altar Maġġur armat nhar il-festa ta' Santa Marija.*



*(Ritratt: Jos. A. Vella F.R.P.S., E.FIAP., E.S.FIAP.)*
*Dettall tat-terħa li saret fl-1955.*




*(Bil-kortesija tal-Kappillan ta' l-Imġarr) Mons. Ġlormu Chetcuti li kien prokuratur tal-knisja tal-Mosta sa l-1899.*



*Il-Prokuratur tal-knisja Dun Anġ. Camilleri li fi żmienu saru ħafna opri li għadna ngawduhom sallum.*

Il-kanopew tal-lama rrakkmat bid-deheb inħadem b'sengħa kbira mill-fabbrika Fanfani ta' Ruma bil-kummissjoni tad-Ditta Busuttil tal-Belt Valletta u sewa £57. Kien iddisinjah is-Sur Rafel Caruana Dingli. Mal-kanopew kienet saret ukoll il-mensola ta' l-ostensorju b'żewġ puttini, xogħol ta' l-istess fabbrika Rumana. Din kienet qamet £25 -14s.

Nhar l-Assunta ta' l-1955 iżżanżnet it-terħa tal-bellus aħmar irrakkmata bid-deheb. Inħadmet fl-Istitut ta' Cini l-Ħamrun u swiet £177, barra mill-bellus. Id-disinn tagħha kien għamlu s-Surmast Carmelo Tonna tar-Rabat ta' Malta.

Fl-1986, bl-inizjattiva u t-tħabrik ta' l-Arċipriet li għandna, il-gandlieri sbieħ tal-festa ġew arġentati (bil-fidda) mid-Ditta Cutajar. Ġew arġentati wkoll l-Appostli mid-Ditta Darmanin u ndurat bid-deheb l-ostensorju l-prim mid-Ditta Azzopardi. Dan ix-xogħol kollu kien ġie mħallas b'donazzjoni mill-benefattur Mosti-Amerikan, is-Sur Anthony Camilleri.

Jekk iċ-ċentru tal-festa tkun, kif inhu xieraq, il-knisja arċipretali mżejna mill-isbaħ għall-okkażjoni, żgur li ċ-ċentru tal-knisja nnifisha hu l-altar maġġur għax fuqu u madwaru jsiru l-egħżeż funzjonijiet. Fuqu u madwaru nittamaw f'Alla, li nkunu nistgħu nerġgħu niċċelebraw bil-kbir il-125 sena mill-konsagrazzjoni ta' l-istess altar u tal-knisja, kif għamilna ħamsa u għoxrin sena ilu, meta flimkien mal-Kardinal Corrado Ursi, l-Arċisqof ta' Napli, iċċelebrajna l-ewwel ċentinarju tal-Konsagrazzjoni tar-Rotunda għażiża tagħna.

## Riferenzi:


1. **Storja tal-Mosta miġbura minn E.B. Vella u oħrajn**
2. **Tifkira Għażiża tas-Saċ. D. Anġ. Camilleri**, 1927 (ktejjeb)
3. **Il-Mosta**, Awissu - Settembru, 1971, **L-Altar Maġġur tal-Knisja Arċipretali f'Jum il-Festa**, Joseph Borg
4. **Programm tal-Festa ta' Santa Marija**, 1986
5. Ħajr ukoll lil Dun Salv Magro li kien għaddieli xi tagħrif dwar meta sar il-Maġġur, tagħrif li kien sabu f'manuskritti miżmumin fl-Arkivju tal-Knisja Arċipretali.
6. **Abram Gatt u l-Furjana**, Joseph R. Gatt, **L-Orizzont**, 17.04.96
7. **Pageant of the Popes**, John Farrow 1955



RAYMOND BONAVIA LTD

HOUSEHOLD GOODS
GIFTWARE & CHANDELIERS

39,55 Constitution Street,
Mosta, Malta.
Tel: 410272

FURNITURE SHOWROOM
Constitution Street,
Mosta.